**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 3**

L-EWWEL PARTI TAL-LAQGĦA LI SARET NHAR
IT-TNEJN 20 TA' MEJJU 2013 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

i Il-Minuti tas-Seduta 2 ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati u wara ġew iffirmati mis-Sindku Max Zammit u mill-Agent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku Max Zammit semma li qed ikollu ħafna lmenti dwar il-*bring-in-sites* li hemm bejn il-Blokks tal-Gvern C5 u E2. Is-Sindku Max Żammit għaraf li dawn qegħdin viċin ħafna ta' żewġ binjiet kbar residenzjali u ppropona li dawn jitneħħew u jitpoġġew ġo post alternattiv fejn ma jkunx ta' nkonvenjenza għar-residenti. Hu ppropona lil-Kunsilliera biex isibu post ieħor. Is-Sindku Max Żammit qal li l-Kunsillier Frank Roe issugerixxa li jsiru mal-*boundary wall* li hemm fi Triq l-Imradd faċċata tal-*Crown Marina Appartments*. Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti u l-Kunsillier Eugenio Muscat ma qablux li jitneħħew minn posthom iżda inġibu greenwardens biex jissorvjelaw lil min qed jitfa' ż-żibel ma ġembhom.

ii Is-Sindku Max Zammit qal li hu ġie aviċinat mill-Avukat tas-Sur Alfred Portelli rigward il-kawza li hemm bejn il-Kunsill u s-Sur Alfred Portelli. Is-Sindku Max Zammit issuġerixxa li issir laqgħa ma l-Avukat tal-Kunsill rigward il-kaz, u wara ssir laqgħa bejn is-Sindku Max Żammit, l-Avukat tal-Kunsill, s-Sur Alfred Portelli u l-avukat tieghu sabiex naraw jekk jistgħax jintlaħħaq ftehim barra l-Qorti.

iii Is-Sindku Max Żammit tkellem fuq Jum Ta' Xbiex. Huwa qal li peress li kien dieħel iż-żmien, il-Kunsill ried jaħdem malajr fuq dan il-programm. Saret diskussjoni u sar qbil li l-Kunsill għandu iqabbad bniedem bħalha activity Organiser sabiex flimkien mas-Sindku Max Zammit jipprepara program detalljat għall-Jum Ta' Xbiex . Il-Kunsill qabel li għall-Jum Ta'Xbiex il-Kunsill għandu jkollu Budget ta' 5,000Euros.

Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposti tas-Sindku.

## IV KOMMUNIKAZJONI MILL-KUNSILLIERA

i Il-Viċi Sindku Ronnie Portelli ssuġerixxa li tintbghat ittra lil Frank Borda and Sons Ltd s-sidien tal-*Gala Supermarket* biex titnaddaf is-sit ta' madwar l-istores ta' l-istess kumpanija fi Triq Enrico Mizzi. Il-Vici Sindku Ronnie Portelli ppreżenta żewġ ritratti waqt il-laqgħa tal-Kunsill tas-sit msemmi sabiex juri l- ħmieġ li kien qed jakkumula. Il-Kunsill qabel unanimanent li tintbgħat din l-ittra.

ii Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li l-kennies qed iħalli l-borża tal-knis fil-kantuniera u qed tintlaqagħat mill-karrozzi u ssugerrixxa li l-amministrazzjoni tkellem il-Kennies. Il-Kunsill qabel unanimament.

iii Il-Kunsillier Frank Roe qal li fi Triq Gużeʼ Cali fejn il-*bring-in-sites* hemm ħafna boroż suwed u staqsa l-Kunsill ta' minn hi r-responsabilta biex dawn il-boroż jitneħħew u jitnaddaf l-area.

L-Agent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace qal li r-responsabbilta sabiex jitnehhew dawn il-boroż u jitnaddfu dawn il-bring in sites hija tal-Green MT. L-Agent Segretarju Eżekuttiv qal li kien se jghid l- Amministrazzjoni sabiex ikellmu lil Green MT sabiex inaddfu l-area u jneħħu l-boroż immedjatament.

Il-Kunsill qabel

iv Il-Kunsillier Frank Roe semma li fi Triq E Galizia m'hemmx dawl bizzejjed. Hu għamel kuntatt mal-kuntrattur tad-dawl biex jara kemm hi l-ispiza. Il-Kunsillier Frank Roe ġab il-kwottazzjoni għall-kull bozza li hija ta' 177 Euro. Il-Kunsillier Eugenio Muscat ippropona sabiex inġibu kwottazzjoni għal bozzoz LED.

l-Kunsill qabel.

v Il-Kunsillier Frank Roe qal li fi Triq Emanuel Galizia hemm *wires* tat-*telephone* mdendlin u ha l-inizjattiva biex jikkuntattja l-GO biex jitranġaw.

Il-Kunsill apprezza din l-inizjattiva.

vi Il-Kunsillier Frank Roe qal li qabel fi Triq Emmanuel Galizia kien hemm 3 tliet barriers biex ma jkunux jistgħu jgħaddu l-karrozzi. Ġie nnutat li nqalat l-barrier tan-nofs u qed jgħaddu l-karrozzi. Hu ssuġġerixxa li terġa titwaħħal barrier ieħor.

Il-Kunsill qabel li għandha ssir din il-barrier nieqsa.

vii Il-Kunsillier Frank Roe qal li kien hemm applikazzjoni ta' *Reserved Parking* ta' resident li joqgħod Triq il-Maskli u li huwa għami, li giet irrifjutata għaliex il-karrozza ma tagħjjatx lilu. Il-Kunsillier Frank Roe ghamel kuntatt mat-Transport Malta rigward dan il-każ fejn issuġġerewlu li tinkiteb ittra lil *review panel* biex terġa tigi kkunsidrata.

Il-Kunsill qabel.

viii Il-Kunsillier Frank Roe innota li fix-Xatt fejn l-*Atlas Insurance,* hemm it-tabelli tar-*Resident Parking Scheme,* li l-ħin indikat fuqhom, li tista tipparkja huwa għall-120 minuta fejn iktar l-fuq hemm tabelli oħra li jindikaw 90 minuta. Għaldaqstant il-Kunsillier Frank Roe issugerrixa li jsiru kollha ta' 90 minuta skond ir-regolamenti.

Il-Kunsill qabel.

ix Il-Kunsillier Frank Roe issuġerixxa li jitwaħħlu l-bins il-ġodda fi Triq Abate Rigord. Bin jitwaħħal ħdejn il-*bus stop* ta' fejn il-*Business Marine Centre*, bin eħor fejn id-*Dreams Confectionary* u l-ieħor bejn il-*JMG* u *Ftira Café*.

Il-Kunsill qabel.

x Il-Kunsillier Frank Roe talab li jinxtraw xi tabelli tas-sinjali tat-toroq. Dawn huma tnejn *direction*, wahda *stop.* u l-oħra *No waiting*.

Il-Kunsill qabel li jsiru.

xi Il-Kunsillier Frank Roe qal li l-Kunsill kien applika lil-ETC sabiex il-Kunsill ikun jista jħaddem persuna bi bżonnijiet speċjail fil-Kunsill. Il-Kunsilliera qablu li ġo ta' Xbiex kien hawn persuna bi' bżonnijiet speċjali li xtaqet u applikat għal dan il-post, imma din il-persuna applikat bi żball taħt skema oħra u għaldaqstant dan il-post kien għadu vacant ghax il-persuna qiedha tireġġistra part 3 u l-iskema hi ghald dswk li jirreġistraw part 1 u part 2. Il-Kunsill kien qabel li jiġu impjegat.

Il-Kunsill iddiskuta dan il-post u qal li aktar il-quddiem jekk il-Kunsill iħoss li għandu bżonn jingaġġa persuna b'diżabilta fil-Kunsill għandu javża lil-ETC u jara jekk'x jeżistix xi benefiċċji tal-Kunsill għal dan l-impjieg.

Il-Kunsill qabel.

xii Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li l-funtana qegħda nieqsa mill-ilma u li hemm hu maħmug. Isuġġerrixa li flok klorejn, jintefa l-kubrit peress li l-klorejn jagħmel ħsara l-fjuri. Is-Sindku Max Żammit qal li barra n-nuqqas ta' ilma il-Kunsill irrid jirranġa wkoll id-dawl tal-funtana.

Għaldaqstant il-Kunsill jgħamel il-preparazzjonijiet meħtieġa sabiex jara li l-funtana tkun fi stat tajjeb kemm bhalha ilma u kemm bhalha dawl.

Il-Kunsill qabel unanimament.

xiii Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti talab li wieħed mit-*toilets* go l-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill jigi adekwat għan nies bi bżonnijiet speċjali.

xiv Is-Sindku Max Żammit issuġġerixxa li l-part tat-triq bla isem li hemm fil-Housing estate tissemma għall-ex Ministru Patric Holland li kien Ministru tal-Housing fiż-żmien il-Gvern Laburista fis-snin 80's.

Il-Kunsilliera Anthony Cachia Castelletti u l-Kunsilliera Eugenio Muscat ma qablux ma din il-proposta.

Is-Sindku Max Zammit qal li aktar il-quddiem għandha ssir diskussjoni fuqha u jekk ikun hemm bżonn jittieħed vot.

xv Il-Kunsillier Eugenio Muscat semma wkoll li il-Ministru precedenti kien se jsemmi l-pjazzeta ta' ħdejn il-Black Pearl "Miceli Farrugia"(Farsons),

Peress li kien sar it-8.30pm il-laqgħa kellha tiġi aġġornata gol-kampanja ta' l-istess aġenda għal nhar l-Erbgħa 29 ta' Mejju 2013.

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv